MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 28/2008/1

**Ruth Debono Sultana u Silvio Debono**

**v.**

**Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali u Ministru ghall-Politika Socjali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari u sentenza appellata</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali u

“konvenzjonali” taghha, fl-14 ta’ Ottubru 2008, u tirrigwarda allegata diskriminazzjoni fil-ligi dwar l-adozzjoni. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, it-talbiet tar-rikorrenti, l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, il-ligi in kwistjoni u l-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi adesivament ghat-talbiet tar-rikorrenti konjugi Sultana huma riportati fis-sentenza appellata, li ghalhekk qed tigi riprodotta fl-intier taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:
“F’din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu rimedju għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali tagħhom taħt l-artt. 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] għax igħidu illi dawk il-jeddijiet qegħdin jinkisru b’effett ta’ l-art. 114(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili.

“Ir-rikors tas-26 ta’ Mejju 2008 igħid illi r-rikorrenti żżewwġu fl-4 ta’ Diċembru 2007 wara li kienu ilhom flimkien madwar ħames snin. Huma damu biex jiżżewġu billi r-rikorrent Silvio Debono kien qiegħed jistenna li jikseb l-annullament ċivili ta’ żwieġ ieħor.

“Huma xtaqu illi jadottaw u għalhekk marru għand l-*Aġenzija Appoġġ* biex jiksbu t-tagħrif meħtieġ. Hemmhekk kienu mgħarrfa illi ma setgħux jadottaw għax ma kinux ilhom ħames snin miżżewġin, u l-art. 114(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

“**114.** (1) L-adozzjoni tista’ ssir biss bis-setgħa tal-qorti kompetenti … … … mogħtija b’dikriet … … … mogħti fuq rikors ta’ persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor.
(2) Dikriet ta’ adozzjoni jista’ jingħata fuq ir-rikors tar-raġel u l-mara, li jkunu ilhom miżżewġin għal żmien ta’ mhux anqas minn ħames snin[1] u jkunu jgħixu flimkien, u jawtorizzahom flimkien biex jadottaw persuna u ma jistax jingħata fuq rikors tar-raġel jew tal-mara biss:
… … …”

[1] Wara l-emenda magħmula bl-art. 30(*b*) ta’ l-Att IV ta’ l-2008, iż-żmien tnaqqas għal tliet snin.

"Kienu mgħarrfa wkoll illi, li kieku wieħed jew l-oħra minnhom għamel it-talba għal adozzjoni qabel ma żżewġu, kienu jkunu jistgħu jadottaw mill-ewwel, iżda la żżewġu jridu jistennew li jgħaddi ż-żmien li trid il-liġi u mbagħad jagħmlu t-talba.

"Għalkemm bagħtu ittra fis-16 t'April 2008 u wkoll ippreżentaw protest ġudizzjarju, baqgħu bla tweġiba.

"Ir-rikorrenti igħidu illi l-art. 114(1) u (2) jiksru l-jeddijiet fondamentali tagħhom taħt il-Konvenzjoni. Għalkemm l-art. 14 tal-Konvenzjoni jrid illi ma ssir diskriminazzjoni kontra ħadd, il-liġi hija diskriminatorja għax persuna f'koppja li ma hijiex miżżewġa tista' tagħmel talba biex tibda proċedura t'adozzjoni waqt li koppja miżżewġa trid tistenna mill-anqas ħames snin wara ż-żwieġ biex tkun tista' tibda dawn il-proċeduri. Il-liġi għalhekk tagħmel distinzjoni bejn il-kategorija ta' nies miżżewġa u dik ta' nies li ma humiex miżżewġa. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, meta l-gvern jagħmel distinzjoni bejn kategorija u oħra ta' nies din id-distinzjoni trid issir b'għan leġittimu u raġonevoli. Fil-każ tallum, igħidu r-rikorrenti, id-distinzjoni ma tistax tissejjaħ raġonevoli u ma hemm ebda għan leġittimu li jiġġustifikaha.

"Id-diskriminazzjoni skond il-Konvenzjoni trid tkun marbuta ma' jedd imħares taħtha, fil-każ tallum l-art. 8 li jgħid hekk:

"ARTIKOLU 8

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

"(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

“Għalkemm huwa minnu illi ż-żmien imsemmi fl-art. 114 tal-Kodiċi Ċivili joħroġ mil-liġi, xorta jibqa’ diskriminatorju għax it-trattament differenti għal persuni differenti ma huwiex qiegħed isir għal għan leġittimu, u qiegħed jolqot il-jedd tar-rikorrenti li jkollhom ħajja familjari.

“Ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jitolbu illi l-qorti (1) tgħid illi l-art. 114(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili jmur kontra l-jeddijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 14 u 8 tal-Konvenzjoni u (2) tagħtihom ir-rimedji kollha meħtieġa sabiex jitħarsu l-jeddijiet tagħhom, fosthom il-jedd li jkunu jistgħu minnufih jiftħu l-proċeduri ta’ adozzjoni.

“L-intimati wieġbu fid-9 ta’ Ġunju 2008.

“Qalu illi t-tieni talba ma tiswiex għax din il-qorti bħala qorti ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma hijiex il-*forum* fejn jista’ jintalab li jinbdew proċeduri ta’ adozzjoni. Barra minn hekk, ukoll jekk jinstab illi l-ħtieġa ta’ tliet snin ta’ ħajja miżżewġa hija inkompatibbli mal-Konvenzjoni, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti jsiru awtomatikament “ġenituri adattati” għal dak li jrid l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta’ l-Adozzjoni [Kap. 495].

“Wara li qalu li llum, wara l-emendi magħmula bl-art. 30 ta’ l-Att IV ta’ l-2008, iż-żmien ma għadux ħames snin iżda sar tliet snin, komplew igħidu illi, għalkemm l-art. 8 tal-Konvenzjoni jħares il-jedd ta’ kull individwu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, f’każijiet, bħal dak tallum, li jolqtu minuri, il-qrati jqisu l-ewwel u qabel kollox l-aħjar interessi tal-minuri. Għalhekk, ukoll jekk il-qorti ssib illi hemm indħil fit-tgawdija ta’ dan il-jedd, dan huwa leġittimu taħt it-tieni paragrafu ta’ l-art. 8 għax huwa skond il-liġi u meħtieġ f’soċjetà demokratika għall-ħarsien tal-jeddijiet ta’ ħaddieħor, f’dan il-każ tal-minuri adottand.

“L-artikoli tal-Kodiċi Ċivili msemmija fir-rikors u d-dispożizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta’ l-Adozzjoni huma maħsuba biex iħarsu r-rispett lejn il-ħajja, id-dinjità, il-kura u l-ħarsien tal-minuri, għax l-interess waħdieni ta’ l-istitut ta’ l-adozzjoni huwa dak tal-minuri, mhux ix-xewqa ta’ adulti li jsiru ġenituri.

"L-art. 8 tal-Konvenzjoni ma jagħtix il-jedd illi individwu jadotta jew li jkollu familja iżda "jippresupponi" l-eżistenza ta' familja. Dwar dan il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ E.B. *v.* Franza[2] qalet hekk:

""The right to respect for "family life" does not safeguard the mere desire to found a family; it presupposes the existence of a family … … … or the relationship that arises from a lawful and genuine adoption (see *Pini and Others v. Romania*, nos. 78028/01 and 78030/01, § 148 , ECHR 2004-V)"[3].

"Komplew jgħidu illi l-art. 14 tal-Konvenzjoni "m'għandux eżistenza separata iżda jrid dejjem jiġi eżaminat flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra ta' l-istess Konvenzjoni". Barra minn hekk, ma hemm ebda ksur ta' l-art. 14 għax mhux kull "distinzjoni" hija bilfors "diskriminazzjoni", kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Spadea u Scalbrino *v.* l-Italja[4]:

""… … … Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."[5]

"Il-ħtieġa li jkun għadda ċertu żmien ta' ħajja miżżewġa qabel ma koppja tkun tista' tadotta ma joħloqx diskriminazzjoni għax huwa oġġettivament ġustifikat illi l-liġi, fl-interess tal-minuri, tkun trid illi deċiżjoni daqshekk importanti ma titteħidx b'għaġla ftit wara ż-żwieġ. Ma hemmx paragun ma' persuni li ma humiex miżżewġin, kemm għax ma hemm ebda jedd awtomatiku illi persuna mhix miżżewġa tadotta – billi l-adozzjoni taqa' dejjem taħt il-kontroll aħħari tal-qorti – u kemm għax il-pożizzjoni ta'

---

2 Rikors nru 43546/2002, maqtugħ fit-28 ta' Novembru 2007.
3 Para. 41.
4 Rikors nru 12868/1987, maqtugħ fl-1 ta' Settembru 1995.
5 Para. 45.

għażeb jew xebba ma hijiex bħal dik ta' min hu miżżewweġ.

"Għalhekk l-intimati talbu illi t-talbiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

"Ir-rikorrenti żżewġu fl-4 ta' Diċembru 2007 wara li kienu ilhom flimkien madwar ħames snin. Kienu damu daqshekk biex iżżewġu għax ir-rikorrent Silvio Debono kien qiegħed jistenna li jinħall minn żwieġ ieħor b'annullament ċivili. Xtaqu jadottaw tarbija iżda ma setgħux jibdew il-proċeduri ta' adozzjoni billi l-liġi, dak iż-żmien, ma kinitx tħalli illi miżżewġin jadottaw flimkien qabel ma jkunu ilhom mill-inqas ħames snin miżżewġa. Illum, wara bidla fil-liġi, iż-żmien tnaqqas għal tliet snin.

"Ir-rikorrenti fetħu din il-kawża għax qegħdin igħidu illi l-ħtieġa għal dan iż-żmien ta' stennija ċaħħadhom mill-jedd għar-rispett għall-ħajja tal-familja, imħares taħt l-art 8 tal-Konvenzjoni[6], u wkoll tagħmel diskriminazzjoni kontriehom fit-tgawdija ta' dak il-jedd taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni:

"ARTIKOLU 14

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor."

għax, li kieku ma kinux miżżewġin u t-talba saret minn wieħed waħdu jew minn waħda weħidha minnhom, kienet tkun tista' ssir mill-ewwel. Il-fatt illi huma jridu jistennew tliet snin, għar-raġuni biss illi t-talba qiegħda ssir minn tnejn miżżewġin, huwa diskriminatorju kontriehom, igħidu r-rikorrenti.

6 *Supra*, p. 3.

“Tassew illi, kif sewwa igħidu r-rikorrenti, ulied adottivi jitqiesu parti mill-“familja” għall-għanijiet ta’ l-art. 8 tal-Konvenzjoni; madankollu l-art. 8 ma jagħtix jedd lil individwu jew lil koppja li jadotta jew jadottaw, kif tixhed is-silta miġjuba fuq mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ E.B. *v.* Franza[7].

“Dan iżda ma jfissirx illi l-art. 8 tal-Konvenzjoni huwa għal kollox irrelevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum, kemm fih innifsu u kemm għall-għanijiet ta’ l-art. 14 tal-Konvenzjoni, kif jidher minn din is-silta aktar sħiħa mill-istess sentenza fil-każ E.B. *v.* Franza:

““41. The Court, noting that the applicant based her application on Article 14 of the Convention, taken in conjunction with Article 8, reiterates at the outset that the provisions of Article 8 do not guarantee either the right to found a family or the right to adopt (see *Fretté*, [30 January 2002]). Neither party contests this. The right to respect for “family life” does not safeguard the mere desire to found a family; it presupposes the existence of a family (see *Marckx v. Belgium*, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, § 31), or at the very least the potential relationship between, for example, a child born out of wedlock and his or her natural father (see *Nylund v. Finland* (dec.), no. 27110/95, ECHR 1999-VI ), or the relationship that arises from a genuine marriage, even if family life has not yet been fully established (see *Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom*, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, § 62), or the relationship that arises from a lawful and genuine adoption (see *Pini and Others v. Romania*, nos. 78028/01 and 78030/01, § 148 , ECHR 2004-V).

“42. Nor is a right to adopt provided for by domestic law or by other international instruments, such as the Convention on the Rights of the Child, adopted by the United Nations General Assembly on 20 November 1989, or the Hague Convention of 29 May 1993 on the

---

7 *Supra*, p. 4.

Protection of Children and Co-operation in Respect of International Adoption … … …

"43. The Court has, however, previously held that the notion of "private life" within the meaning of Article 8 of the Convention is a broad concept which encompasses, *inter alia*, the right to establish and develop relationships with other human beings (see *Niemietz v. Germany*, judgment of 16 December 1992, Series A no. 251-B, p. 33, § 29), the right to "personal development" (see *Bensaid v. the United Kingdom*, no. 44599/98, § 47, ECHR 2001-I) or the right to self-determination as such (see *Pretty v. the United Kingdom*, no. 2346/02, § 61, ECHR 2002-III). It encompasses elements such as … … … the right to respect for both the decisions to have and not to have a child (see *Evans v. the United Kingdom* [GC], no. 6339/05, § 71, ECHR 2007-...).

"44. Admittedly, in the instant case, the proceedings in question do not concern the adoption of a child as such, but an application for authorisation to adopt one subsequently. The case therefore raises the issue of the procedure for obtaining authorisation to adopt rather than adoption itself. However, the parties do not contest that in practice authorisation is a precondition for adopting a child.

"45. It should also be noted that the applicant claimed to have been discriminated against … … …, resulting in a violation of the provisions of Article 14 of the Convention taken in conjunction with Article 8.

"46. The Court is not therefore called upon to rule whether the right to adopt, having regard, *inter alia*, to developments in the legislation in Europe and the fact that the Convention is a living instrument which must be interpreted in the light of present-day conditions (see, in particular, *Johnston and Others v. Ireland*, judgment of 18 December 1986, Series A no. 112, pp. 24-25, § 53), should or should not fall within the ambit of Article 8 of the Convention taken alone.

"47. With regard to Article 14, which was relied on in the present case, the Court reiterates that it only complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions (see, among many other authorities, *Sahin v. Germany* [GC], no. 30943/96, § 85, ECHR 2003-VIII). The application of Article 14 does not necessarily presuppose the violation of one of the substantive rights protected by the Convention. It is necessary but it is also sufficient for the facts of the case to fall "within the ambit" of one or more of the Articles of the Convention (see *Abdulaziz, Cabales and Balkandali*, cited above, § 71; *Karlheinz Schmidt v. Germany*, judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, § 22; and *Petrovic v. Austria*, judgment of 27 March 1998, *Reports* 1998-II, § 22).

"48. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee. It applies also to those additional rights, falling within the general scope of any Convention Article, for which the State has voluntarily decided to provide. This principle is well entrenched in the Court's case-law (see *Case "relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium" v. Belgium (Merits)*, judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, § 9; *Abdulaziz, Cabales and Balkandali*, cited above, § 78; and *Stec and Others v. the United Kingdom* (dec.) [GC], nos. 65731/01 and 65900/01, § 40, ECHR 2005-X).

"49. The present case does not concern adoption by a couple or by the same-sex partner of a biological parent, but solely adoption by a single person. Whilst Article 8 of the Convention is silent as to this question, the Court notes that French legislation expressly grants single persons the right to apply for authorisation to adopt and establishes a procedure to that end. Accordingly, the Court considers that the facts of this case undoubtedly fall

within the ambit of Article 8 of the Convention. Consequently, the State, which has gone beyond its obligations under Article 8 in creating such a right – a possibility open to it under Article 53 of the Convention – cannot, in the application of that right, take discriminatory measures within the meaning of Article 14 (see, *mutatis mutandis*, *Case* "*relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium*", cited above).
… … …

"50. Accordingly, Article 14 of the Convention, taken in conjunction with Article 8, is applicable in the present case."

"Dan japplika *multo magis* fil-każ tallum fejn dawk li jridu jagħmlu t-talba biex jadottaw huma koppja regolarment miżżewġa.

"Stabbilit, għalhekk, illi għal dan il-każ huwa applikabbli l-art. 14 moqri flimkien ma' l-art. 8 tal-Konvenzjoni, fadal li naraw jekk saritx diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti fit-tgawdija tal-jedd tagħhom għar-rispett tal-ħajja tal-familja.

"L-elementi li għandhom jitqiesu mill-qorti sabiex din tara kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jgħid u jrid l-art. 14 tal-Konvenzjoni ġew imfissra hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ imsemmi ta' E.B. *v.* Franza:

""91. The Court reiterates that, for the purposes of Article 14, a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification, which means that it does not pursue a "legitimate aim" or that there is no "reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be realised".

"Huwa wkoll relevanti dak li ntqal fil-każ ta' Spadea u Scalbrino *v.* l-Italja[8]:

[8] Rikors nru 12868/1987, maqtugħ fl-1 ta' Settembru 1995.

""… … … Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."[9]

"Fil-każ tallum ir-rikorrenti qegħdin igħidu illi qiegħda ssir disriminazzjoni kontriehom meta mqabbla ma' min jagħmel talba waħdu għal adozzjoni għax, fil-każ ta' min jagħmel talba waħdu, ma hemmx il-ħtieġa li jistenna kif ikollha tistenna koppja miżżewġa.

"Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi jgħidu hekk:

"**114.** (1) L-adozzjoni tista' ssir biss bis-setgħa tal-qorti kompetenti (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan it-Titolu msejħa bħala "il-qorti") mogħtija b'digriet (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah bħala "digriet ta' adozzjoni") wara rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord għall-Adozzjoni, mogħtija fuq rikors ta' persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor.

"(2) Digriet ta' adozzjoni jista' jingħata fuq ir-rikors tar-raġel u l-mara, li jkunu ilhom miżżewġin għal żmien ta' mhux anqas minn tliet snin u jkunu jgħixu flimkien, u jawtorizzahom flimkien biex jadottaw persuna u ma jistax jingħata fuq rikors tar-raġel jew tal-mara biss:

"Iżda meta l-persuna li tkun ser tigi adottata tkun il-wild naturali tar-raġel jew tal-mara, f'dak il-każ, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 115(3)(*ċ*), id-digriet ta' adozzjoni jista' jingħata minkejja li r-rikors isir biss mill-missier jew l-omm naturali tal-persuna li tkun se tiġi adottata u li r-raġel u l-mara jkunu ilhom miżżewġin għal anqas minn tliet snin u l-qorti ma tkunx marbuta li titlob jew tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni.

[9] Para. 45.

"(3) Ħlief fil-każ ta' raġel u mara miżżewġin li jkunu jgħixu flimkien, ma jingħatax digriet ta' adozzjoni li jagħti setgħa lil aktar minn rikorrent wieħed biex jadotta persuna."

"Il-liġi taħseb għal dawn is-sitwazzjonijiet:

"1. adozzjoni magħmula minn raġel waħdu jew minn mara weħedha, basta ma jkunux miżżewġin u jgħixu flimkien sakemm dak li sejjer jiġi adottat ma jkunx il-wild naturali tar-raġel jew tal-mara; f'dan il-każ (ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar l-età kemm ta' min sejjer jadotta u ta' min sejjer jiġi adottat) ma hemmx il-ħtieġa ta' żmien; u

"2. adozzjoni magħmula minn raġel u mara flimkien; din tista' ssir biss jekk ir-raġel u l-mara jkunu miżżewġin u jgħixu flimkien u, sakemm dak li sejjer jiġi adottat ma jkunx il-wild naturali tar-raġel jew tal-mara, iridu jkunu ilhom miżżewġin għal mhux anqas minn tliet snin.

"Barra minn hekk, għalkemm il-liġi ma ssemmihiex espressament, hemm ukoll is-sitwazzjoni ta' koppji *de facto*, li jgħixu flimkien għalkemm mhux miżżewġin. Għalkemm dawn ma jistgħux jadottaw flimkien, tista' ssir adozzjoni minn wieħed jew l-oħra, jew minn wieħed jew l-ieħor, jew minn waħda jew l-oħra[10], u, għalkemm ma jkunx hemm relazzjoni ta' filjazzjoni *de iure* bejn il-wild adottat u s-sieħeb jew is-sieħba ta' min ikun adotta, madankollu xorta tkun tista' tinħoloq relazzjoni *de facto* bejn dak is-sieħeb jew sieħba u l-wild adottat.

"Għalhekk, jista' jingħad li hemm diskriminazzjoni bejn, min-naħa waħda, koppja miżżewġa li tixtieq tadotta, u, min-naħa l-oħra, jew (a) persuna mhix miżżewġa li tgħix weħedha jew (b) żewġ persuni li, għalkemm mhix miżżewġa, *de facto* jgħixu flimkien. Waqt li ta' l-ewwel iridu jistennew tliet snin wara ż-żwieġ, l-oħrajn, (a) jew (b), ma għandhomx għalfejn jistennew.

10 Ara l-każ ta' E.B. *v.* Franza, imsemmi fuq.

“Din id-diskriminazzjoni ma tkunx bi ksur ta’ l-art. 14 tal-Konvenzjoni jekk hemm ġustifikazzjoni raġonevoli u oġġettiva għaliha, billi tkun bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu u tkun proporzjonata meta mqabbla ma’ dak il-għan.

“Waqt illi l-qorti tasal biex tgħid illi hemm dik il-ġustifikazzjoni għal trattament differenti ta’ koppja miżżewġa meta mqabbla ma’ (a) persuna mhix miżżewġa li tgħix weħedha, ma hemmx dik il-ġustifikazzjoni meta mqabbla ma’ (b) koppja *de facto*.

“Fil-każ ta’ persuni li jgħixu flimkien, ikun xieraq illi jkun hemm xi garanzija ta’ stabilità tal-koppja qabel ma tiddaħħal persuna oħra fir-relazzjoni permezz ta’ adozzjoni, biex jitnaqqas kemm jista’ jkun, għalkemm qatt ma jista’ jitneħħa għal kollox, il-biża’ li l-koppja tinfired u l-wild adottat igħaddi mit-trawma tal-firda ta’ dawk li jħares lejhom bħala l-ġenituri tiegħu. Li l-koppja tkun ilha tliet snin miżżewġa u toqgħod fkimkien, għalkemm qatt ma jista’ jagħti garanzija ta’ stabilità għal dejjem, għallinqas jagħti garanzija aħjar minn koppja li għadha tiżżewweġ fejn il-partijiet forsi jkunu għadhom ma drawx sew lil xulxin fil-kuntest ta’ ħajja flimkien. Barra minn hekk, iż-żmien ta’ stennija għal deċiżjoni li trid tittieħed minn tnejn flimkien iwassal għal deċiżjoni aktar maħsuba u maturata, li huwa xieraq għal deċiżjoni hekk gravi.

“Għalkemm jista’ jkun hemm din il-ġustifikazzjoni għal trattament differenti ta’ koppja miżżewġa meta mqabbla ma’ persuna li tadotta weħedha, ċertament ma hemmx dik il-ġustifikazzjoni meta tqabbel it-trattament ta’ koppja miżżewġa ma’ dak ta’ koppja *de facto*.

“Fil-każ ta’ koppja *de facto*, għalkemm ir-relazzjoni formali ta’ filjazzjoni bl-adozzjoni tkun ma’ sieħeb wieħed jew waħda biss, jekk il-koppja tkun tgħix flimkien ir-relazzjoni emozzjonali u psikoloġika tal-wild adottat tinbena mat-tnejn, u t-trawma fil-każ ta’ firda jew instabilità tal-koppja jkun l-istess daqslikieku l-koppja kienet miżżewġa.

"Għalhekk, fil-fehma tal-qorti, it-trattament diskriminatorju fl-art. 114(2) tal-Kodiċi Ċivili kontra koppja miżżewġa, għar-raġuni biss li għandha l-i*status* ta' miżżewġa, meta mqabbla ma' koppja *de facto* ma għandu ebda ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli.

"Naturalment, dan ma jfissirx illi kull koppja miżżewġa tista' tadotta minnufih, għax xorta jkollha tgħaddi mill-għarbiel kollu tal-proċedura li trid il-liġi f'kull każ ta' adozzjoni, bil-għan ewlieni jekk mhux waħdieni ta' min sejjer jiġi adottat;  sa hawnhekk, u fis-sens biss illi din il-qorti ma tistax u ma hijiex sejra tagħti dikriet ta' adozzjoni favur ir-rikorrenti, l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati hija tajba.  Lanqas ma jfisser illi l-fatt illi r-rikorrenti ma ilhomx żmien twil miżżewġa ma jistax ikun fattur relevanti li għandu jqisu, skond iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari u mhux *a priori*, min għandu bil-liġi s-setgħa li jagħti jew ma jagħtix dak id-dikriet.  Ifisser iżda illi r-rikorrenti ma għandhomx, għar-raġuni biss li huma miżżewġin, ikollhom jistennew tliet snin qabel ma jkunu jistgħu jadottaw.

"Min-naħa l-oħra, ma hemm xejn diskriminatorju fl-art. 114(1), li jgħid illi adozzjoni tista' ssir biss bis-setgħa tal-qorti kompetenti wara rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord għall-Adozzjoni:  din il-proċedura hija meħtieġa f'kull każ, ħlief meta min sejjer jiġi adottat ikun il-wild naturali ta' min sejjer jadotta, meta r-rakkomandazzjoni tal-bord ma tkunx meħtieġa, għalkemm id-dikriet tal-qorti jibqa' dejjem meħtieġ.  F'dan il-każ, iżda, hemm ġustifikazzjoni oġġettiva għal din id-distinzjoni għax ġà jkun hemm relazzjoni ta' filjazzjoni naturali bejn min sejjer jadotta u min sejjer jiġi adottat.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet ta' l-intimati billi tgħid illi dik il-parti ta' l-art. 114(2) tal-Kodiċi Ċivili li tgħid illi koppja miżżewġa ma tistax tadotta jekk mhux wara li l-mara u r-raġel ikunu ilhom mill-inqas tliet snin miżżewġa u jgħixu flimkien hija diskriminatorja kontra r-rikorrenti, bi ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali moqri flimkien ma' l-art. 8 ta' l-istess

Konvenzjoni. Tordna għalhekk illi, f'kull proċedura għal adozzjoni magħmula mir-rikorrenti l-art. 114(2) jinqara bħallikieku flok il-kliem "li jkunu ilhom miżżewġin għal żmien ta' mhux anqas minn tliet snin u jkunu jgħixu flimkien" kien hemm il-kliem "li jkunu miżżewġin lil xulxin".

"Tikkundanna lill-intimati flimkien iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

"Ir-reġistratur għandu, hekk kif din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat, jibgħat kopja lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif igħid u jrid l-art. 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

**<u>L-appell tal-intimati</u>**

**2.** Id-Direttur tad-Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali u l-Ministru ghall-Politika Socjali appellaw minn din is-sentenza. Huma ressqu, fir-realta`, aggravju wiehed, u cioe` "illi l-bazi kollha tad-decizjoni tistrieh fuq apprezzament skorrett tar-rekwiziti ta' l-Artikolu 8 u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-provi prodotti." Huma jibdew billi jissottolineaw li fejn si tratta ta' minorenni hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jittiehed in konsiderazzjoni l-ahjar interess tal-minuri, u jenfasizzaw li huwa proprju dan l-interess li huwa l-bazi tal-artikoli tal-Kodici Civili fejn si tratta ta' adozzjoni flimkien mad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni (Kap. 459). Huma jtennu l-argument, gja minnhom imressaq quddiem l-ewwel Qorti, li l-Artikolu 8 ma jiggarantixxi ebda dritt ta' adozzjoni, u jzidu li "l-adozzjoni huwa "privilegg" u mhux dritt illi jinghata lill-applikanti". L-appellanti jirribadixxu li l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma ghandu ebda ezistenza separata mid-drittijiet sostantivi l-ohra tal-istess Konvenzjoni, u li, fi kwalunkwe kaz mhux kull "distinzjoni" tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens tal-imsemmi Artikolu 14. Fl-ahharnett jissottomettu li l-paraguni li ghamlet l-ewwel Qorti bejn koppja mizzewga u persuni mhux mizzewga jew koppja *de facto* huma zbaljati u ma jregux, u jtemmu r-rikors taghhom billi jippuntwalizzaw illi r-rikorrenti f'din il-kawza ma gabu l-ebda prova illi xi koppji

li qeghdin fl-istess sitwazzjoni taghhom inghataw xi trattament differenti w ahjar minnhom.

**<u>Risposta ta' l-appellati</u>**

**3.** B'risposta pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2008, l-appellati Ruth Debono Sultana u zewgha Silvio Debono wiegbu dettaljatament ghall-dawn l-aggravji.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**4.** Kif diga` inghad, din il-Qorti rriproduciet fl-intier taghha s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghax din tissintetizza b'mod korrett il-fatti tal-kawza u tirriproduci d-disposizzjonijiet tal-ligi li huma jew in kontestazzjoni jew altrimenti relevanti ghal dan il-kaz. Huwa ovvju minn dak hawn fuq riportat li l-qofol tal-kwistjoni hija din: filwaqt li koppja <u>mizzewga</u> (ragel u mara li jkunu mizzewgin u jkunu jghixu flimkien) ma tistax tadotta qabel ma jkunu ghaddew tlett snin mid-data taz-zwieg taghhom[11], ragel jew mara <u>mhux mizzewgin</u>, sia jekk jghixu ghal rashom u sia jekk jghixu bhala koppja izda mhux mizzewgin – koppja *de facto* – ma ghandhom ebda limitu ta' zmien simili impost fuqhom. Fil-prattika l-ligi kif inhi tissarraf filli applikazzjoni minn koppja mizzewga li ssir lill-Agenzija Appogg ma tigix processata qabel ma jghaddu t-tlett snin statutorji msemmija fl-Artikolu 144(2) tal-Kap. 16 (ara d-deposizzjoni ta' Joseph Gerada, fol. 36 u l-affidavit ta' Joseph Scerri, fol. 39 u 40), filwaqt li dik li ssir minn persuna wahda u li tkun parti minn koppja *de facto* tista' tibda tigi pprocessata mill-ewwel.

**5.** Issa, ma hemmx dubbju li d-disposizzjonijiet tal-ligi in tema ta' adozzjoni – kemm tal-Kap. 16 kif ukoll tal-Kap. 495 – huma, bhala regola, ispirati mill-hsieb li jassiguraw l-interess suprem tal-minuri li jkunu ser jigu adottati. Taqbel ukoll, kif qalet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Frette` v. France** (decizjoni tas-26 ta' Frar 2002), li adozzjoni

[11] Salv ghall-eccezzjoni kontemplata fil-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 114, u cioe` meta l-persuna li tkun ser tigi adottata tkun il-wild naturali tar-ragel jew tal-mara – f'dan il-kaz ir-regola tat-tlett snin ma tapplikax, u l-Qorti anqas tkun mehtiega li titlob jew tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord ghall-Adozzjoni.

tfisser *"providing a child with a family, not a family with a child"* [12]. Mill-banda l-ohra, meta l-legislatur jipprovdi ghal procedura ta' adozzjoni ma jistax ikun hemm dubju li huwa qed jipprovdi ghal procedura intiza biex tippromwovi il-"hajja tal-familja" – u dan indipentement minn jekk it-talba li ssir lill-Qorti kompetenti jew it-talba li ssir lill-agenzija desinjata biex tipprocessa talbiet ghal adozzjoni tikkwalifikax, *de iure* jew teoretikament, bhala "dritt" jew bhala "privilegg".

**6.** Kif inhu risaput, kemm l-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar il-"familja". Fil-kaz odjern l-appellati, quddiem l-ewwel Qorti, ma invokawx l-Artikolu 12, izda biss l-Artikolu 8 (abbinat ma' l-Artikolu 14). Izda, kif tajjeb josservaw Francis Jacobs u Robin White fir-raba' edizzjoni tal-ktieb taghhom ***The European Convention on Human Rights*** [13] fil-kuntest tal-"hajja tal-familja" fl-Artikolu 8:

"The right to marry and found a family may be regarded as a particular form of family life, but it is separately protected in Article 12…[14]

U aktar 'l quddiem ikomplu jelaboraw :

"Repect for family life requires identification of what constitutes a family. The protection of the family, as the fundamental unit of society, figures at more than one place in the Convention. Article 12 guarantees the right to marry and to found a family, while Article 8 prohibits in principle, and subject to the provisions of paragraph (2), interference with an existing family unit…The right to respect for family life, as guaranteed by Article 8 of the Convention, has as its principal element the protection of the integrity of the family. What then constitutes a 'family'...? Generally the Commission and the Court have considered the family to include husband and wife and

[12] Para. 42 ta' l-imsemmija sentenza.
[13] OUP 2006
[14] Pagna 241. L-imsemmi Artikolu 12 jipprovdi hekk: "L-irgiel u n-nisa ta' eta` ta' zwieg ghandhom id-dritt li jizzewgu u li jkollhom familja, skond il-ligijiet nazzjonali li jirregolaw l-ezercizzju ta' dan id-dritt."

children who are dependent on them, including illegitimate and adopted children…[15]

**7.** Fil-kaz in dizamina l-koppja appellata – Ruth Debono Sultana u Silvio Debono – ghalkemm ma ghandhomx tfal, huma "familja" fis-sens kif hawn aktar 'l fuq imfisser. Ma hemmx dubju wkoll li l-ligi domestika taghtihom, jekk mhux id-dritt, il-"privilegg" li jaddottaw, u tipprovdi mekkanizmu dettaljat ghall-procedura ta' adozzjoni. Tali adozzjoni hija certament intiza biex tippromwovi il-hajja tal-familja, fosthom il-hajja tal-familja ta' koppja mizzewga izda li ma jkollhiex tfal, bhalma huma l-appellati. Minn dan jitnissel li ghalkemm, kif korrettement jirritjenu l-appellanti, il-konvenzjoni ma taghti ebda dritt ghal adozzjoni – u fuq dan huma konkordi kemm il-gurisprudenza ta' Strasbourg kif ukoll l-awturi[16] – fejn tezisti procedura ta' adozzjoni din taqa' fl-"ambitu" kemm tal-Artikolu 8 kif ukoll tal-Artikolu 12, u ghalhekk hi soggetta ghall-iskrutinju tal-Qorti fid-dawl tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti, fil-kaz **Anne Miller *pro et noe* v. L-Avukat Generali *et*** [17] diga` kellha l-opportunita` li tikkwota b'approvazzjoni is-segwenti silta mis-sentenza **Petrovic v. Austria** [18] :
"The Court has said on many occasions that Article 14 comes into play whenever "the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed" (see the National Union of Belgian Police v. Belgium judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the measures complained of are "linked to the exercise of a right guaranteed" (see the Schmidt and Dahlström v. Sweden judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39)." [19]

U l-formula klassika ta' kif jopera l-Artikolu 14 :

"…Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the

---

[15] Pagna 247.
[16] Ara, *inter alia*, Karen Reid **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, para. IIB-266, pagna 399; Jacobs & White **The European Convention on Human Rights** OUP 2006, pagna 259.
[17] Deciz fis-27 ta' Marzu 2009.
[18] 27 ta' Marzu 1998.
[19] Para. 28.

Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter." [20]

**8.** Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet, ghalkemm b'metodu ta' ragunar ftit differenti minn dak ta' din il-Qorti, li l-fatti tal-kaz in dizamina kellhom jigu ezaminati fid-dawl tal-Artikoli 14 u 8 moqrija flimkien.

**9.** Kwantu ghall-Artikolu 14, l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, korrettement irriferiet ghall-principji applikabbli biex jigi determinat jekk hemmx diskriminazzjoni bi ksur tal-imsemmi Artikolu 14, ghax, kif inhu risaput, jista' jkun hemm "differential treatment" li ma jkunx bi ksur ta' dana l-artikolu. Dik il-Qorti kkwotat kemm mis-sentenza recenti **E.B. v France** kif ukoll minn dik pjottost aktar antika ta' **Spadea and Calabrino v. Italy**. A propositu tax-xebh jew tqabbil, Francis Jacobs u Robin White, fil-ktieb taghhom aktar 'l fuq imsemmi, jipprecizaw is-segwenti:

"First, is the complaint within the ambit of one of the substantive provisions of the Convention?...The second question is whether the applicants can properly compare themselves with a class of persons who are treated more favourably. The court has not developed a single statement which it repeats in this regard. Over time it has referred to the comparators being in « similar situations », or in « relevantly similar situations », or in « analogous situations »." [21]

**10.** Din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li hemm diskriminazzjoni kontra koppja mizzewga, bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, in kwantu persuna li hija parti minn koppja *de facto* tista' tapplika ghal adozzjoni, u tadotta, minghajr ma toqghod

[20] **Haas v. The Netherlands** 13 ta' Jannar 2004, para. 41.
[21] *Op. cit.* pagna 413.

tistenna tlett snin mid-data li tkun stabbliliet ir-relazzjoni *de facto*. Din id-differenza fit-trattament bejn koppja mizzewga u koppja *de facto* ma ghandha ebda gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli ghax fiz-zewg kazijiet hemm l-gharbil tal-procedura skond il-Kap. 495 bl-*assessments* tal-Agenzija Appogg u bil-htiega tar-rakkomandazzjoni tal-Bord ghall-Adozzjoni. Dak li l-legislatur effettivament qed jaghmel bir-rekwizit ta' tlett snin fil-kaz ta' koppja mizzewga (u fejn ir-ragel u l-mara jkunu jghixu flimkien) hu li <u>jippresupponi aprioristikament</u> li tali koppja ghandha <u>aktar possibilita` li tisfaxxa fl-ewwel tlett snin taz-zwieg minn koppja *de facto*</u>, bit-trawma li dan l-isfaxxar jista' jgib ghall-adotatt jew adottata. Huwa minhabba f'hekk li t-trattament differenzjali fil-fattispeci tal-kaz partikolari ma jsib ebda gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

"Fil-kaz ta koppja *de facto*, ghalkemm ir-relazzjoni formali ta' filjazzjoni bl-adozzjoni tkun ma sieheb wiehed jew wahda biss, jekk il-koppja tkun tghix flimkien ir-relazzjoni emozzjonali u psikologika tal-wild adottat tinbena mat-tnejn, u t-trawma fil-kaz ta' firda jew instabilita` tal-koppja jkun l-istess daqslikieku l-koppja kienet mizzewga."

**11.** Anqas ma tara din il-Qorti xi validita` fl-argument imressaq mill-appellanti li ma ngabet ebda prova illi xi koppji li qeghdin fl-istess sitwazzjoni taghhom inghataw xi trattament differenti u ahjar minnhom. Fil-kaz in dizamina d-diskriminazzjoni, cioe` it-trattament differenzjali, johrog mill-istess ligi, u ssarraf fil-fatt billi fil-konfront ta' l-appellati, kif rajna, l-Agenzija Appogg irrifjutat li tibda tipprocessa l-applikazzjoni taghhom qabel ma jghaddu t-tlett snin mid-data taz-zwieg.

<u>**Decide**</u>

**12.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bil-precizazzjoni u modifika, pero`, li l-ordni maghmul mill-ewwel Qorti fil-konfront tal-Artikolu 114(2) tal-Kodici Civili ghandu jinqara hekk: "illi f'kull procedura ghal adozzjoni maghmula mir-rikorrenti l-art.

114(2) jinqara bhallikieku flok il-kliem ‘li jkunu ilhom mizzewgin ghal zmien ta’ mhux anqas minn tliet snin u jkunu jghixu flimkien’ kien hemm il-kliem ‘li jkunu mizzewgin lil xulxin u jkunu jghixu flimkien’." L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom. Fl-ahharnett il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------